# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 15/2025**

Data: L-Erbgħa 22 ta' Jannar 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo (5:45hrs) | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul (5:32hrs) | Kunsillier |
| Skużat/i: | | |
| Assenti: | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

15.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

15.2 MINUTI

15.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

15.4 KORRISPONDENZA

15.5 PLANNING AUTHORITY

15.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

15.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

15.8 MISTOQSIJIET

15.9 MOZZJONIJIET

15.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

15.11 FINANZI

15.12 TRAFFIC MANAGEMENT

15.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

15.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

15.15 STAFF

15.16 PURCHASE REQUEST FORM

15.17 ĦLASIJIET

15.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 15.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**15.1.1** Ma kien hemm l-ebda talba ta' apoloġija.

## 15.2 MINUTI

**15.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7046/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 12/2024 bid-data 11 ta' Diċembru 2024.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7047/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa b'urġenza 13/2024 bid-data 16 ta' Diċembru 2024.' Il-Viċi Sindku qal li ser iressaq dikjarazzjoni, u għaldaqstant qara d-dikjarazzjoni bit-titlu 'Dikjarazzjoni mingħand il-Viċi Sindku Darren Marmara dwar laqgħa: 13/2024'. Tali dikjarazzjoni tinsab annessa bħala 'Dok A'. Is-Sindku qal li ser jagħmel kontra dikjarazzjoni għax fil-laqgħa ta' qabel kien diġa qal biex kull min jixtieq jara l-kwotazzjonijiet jista jiġi l-Kunsill u jitlob għat-tali kwotazzjoni. Il-Viċi Sindku qal li mhix skond il-liġi li kwota u li l-kontra dikjarazzjoni ser issir illegalment. Is-Sindku qal li mhix illegalment. Il-Viċi Sindku qal lis-Sindku li m'għandu l-ebda poter li jagħmilha għax hija ċara, peress li kwota mil-liġi. Is-Sindku ressaq u qara kontra dikjarazzjoni li tinsab annessa bħala 'Dok B'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'5 voti favur u vot kontra.

Favur – Is-Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns J Scicluna, Kuns I Catania De Giovanni

Kontra – Il-Viċi Sindku Chev D Marmara

**15.2.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7048/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa b'urġenza 14/2025 bid-data 8 ta' Jannar 2025.' Il-Viċi Sindku qal li ser iressaq dikjarazzjoni, u għaldaqstant qara d-dikjarazzjoni bit-titlu 'Dikjarazzjoni mingħand il-Viċi Sindku Darren Marmara dwar laqgħa: 14/2025. Tali dikjarazzjoni tinsab annessa bħala 'Dok C'. Il-Kuns C Bonello qal li meta qed issir dikjarazzjoni, tkun qed tiġi ddikjarata xi ħaġa u li fid-dikjarazzjoni ma jistax jintalab biex xi ħadd jieħu azzjoni. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li ma jistax jifhem kif ġiet aċċettata l-ewwel dikjarazzjoni u anke f'din id-dikjarazzjoni hemm talbiet għal azzjoni mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali. Huwa staqsa x'iġifieri l-amministrazzjoni għandha hi tibgħat xi ħaġa, u li dan li qed jgħid ma japplikax biss għall-Viċi Sindku imma għal kull min jagħmel tali dikjarazzjonijiet. Is-Sindku ressaq u qara kontra dikjarazzjoni li hija annessa bħala 'Dok D'. Wara li qara d-dikjarazzjoni, is-Sindku talab lill-Kunsilliera li min xtaq setà jingħaqad miegħu u jiffirma din id-dikjarazzjoni. Infatti l-Kuns R Deguara, il-Kuns C Bonello u l-Kuns I Catania De Giovanni iffirmaw din id-dikjarazzjoni wkoll

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'6 voti favur u vot kontra. Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns J Scicluna, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns R Ellul

Kontra – Il-Vici Sindku Chev D Marmara

Il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra fil-17:40.

**15.2.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7049/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa tal-Lokalità bid-data 8 ta' Jannar 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 15.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**15.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 15.4 KORRISPONDENZA

**15.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7050/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqà t-talba ta' dawn 2 studenti biex jagħmlu 20 siegħa work placement fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura. L-ismijiet ta' l-istudenti jinsabu anness.' (bħala Dok E).

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.4.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza mingħand l-'Mobile Dental Clinic' tal-Università ta' Malta fejn qed jitolbu biex jiġu bil-'mobile unit', u talbu biex ikollhom 'extension' mill-Kunsill biex iqabbdu 'generator' u jsir 'no parking' għall-20 ta' Frar 2025, viċin tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill approva.

**15.4.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill għandu s-servizz ta' 'Talexio' fejn hemm il-'punch clock' li ser jibda jintuża. Is-Sindku qal ukoll li dan jagħmel ħafna affarijiet bħal pagi u ħafna affarijiet oħra, u kompla jgħid li mhux qed jintuża u għaldaqstant se jgħaddi mozzjoni sabiex jibda jinħadem il-'payroll' u l-'leave' kollu fuqu, fejn se jibda jinħadem kollox waħdu.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7052/25/9** 'Sabiex jiġi mġedded is-servizz ta' Talexio li jkopri

Leave and Payroll Module u Time and Attendance għas-somma ta' mhux aktar minn €1266.72 VAT exkluża.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.4.4** Is-Sindku nforma l-kamra li ġie riċevut il-kont ta' l-'insurance' ta' l-armar tad-dawl tal-Milied fejn qal li ġie €650, u għaldaqstant ser jgħaddi mozzjoni sabiex jitħallas. Is-Sindku qal ukoll li l-'insurance' issir fuq il-Kummissjoni peress li jarmaw huma.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7051/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iħallas is-somma ta' €650 għall-insurance tad-dawl tal-Milied.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.4.5** Is-Sindku nforma l-kamra li meta sar il-'budget', ittieħed ħsieb il-'budget' ta' kull Kunsillier pero ġiet minsija waħda minn żewg affarijiet importanti, li huma l-għaqdiet. Is-Sindku qal ukoll li fuq l-infrastruttura u l-'upkeep' li ħafna drabi ħafna minnhom huma tabelli, fejn hemm ħafna tabelli żejda, hemm 'budget' kbir. Huwa kompla jgħid li l-'budget' fuq il-Kuns R Ellul huwa ta' bejn €19,000 u €20,000, il-'budget' fuq is-Sindku huwa ta' €32,000 u l-'budget' fuq il-Viċi Sindku huwa ta' €13,000. Kompla billi qal li €20,000 mill-'budget' tas-Sindku se jiġu mdawra ma' l-'accountant' u jiġu mniżżla bħala 'communities' mil-lista tad-'DLG'. Is-Sindku qal ukoll li ser jitlob laqgħa mal-President u s-Segretarji kollha ta' l-għaqdiet fejn ser jitlobhom il-pjan ta' ħidma ta' 2025 u jkunu jistgħu japplikaw minn dak il-fond.

**15.4.6** Is-Sindku nforma l-kamra li fis-sala tal-Kunsill kien qed isir il-'Flamenco' u s-Sna Yvette Grech Buhagiar tkellmet miegħu fejn infurmatu li ma kienx qed ikun hemm attendenza tajba u għaldaqstant ma kinitx ser titlob ħlas lill-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li hija ggradwata mill-Universita` ta' Malta fuq id-drama, hija ma tixtieqx li taqta mil-lokalità, għaldaqstant tixtieq toffri lezzjonijiet tad-drama. Huwa kompla jgħid li sabiex ma jerġax ikun hemm l-istess problema, huwa tal-parir li jsir 'poster', jinġabru ammont ta' nies u jekk ikun hemm klassi konsiderevoli jibdew il-lezzjonijiet tad-drama. Kompla billi qal li hija bgħatitlu ċ-ċertifikati ta' l-Università, ħadet sehem f'ħafna 'films' u saħansitra qed tagħmel xi teledrammi fuq it-televiżjoni wkoll. Is-Sindku qal li jekk ikun hemm qbil, jinħareg il-'poster'. Il-Kuns C Bonello staqsa kemm se tiġi tiswa lill-Kunsill bħala ħlas. Is-Sindku wieġeb li tal-'Flamenco' hija kienet titlob ħlas ta' €65 fix-xahar, pero din id-darba għad-drama ser tkun qegħda titlob ħlas ta' €50.

Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk hux se jkun qed iħallas il-Kunsill, fejn is-Sindku wieġeb li l-'Flamenco', l-Kunsill kien qed iħallsu, u mhux mill-'budget' tal-Kunsilliera. Il-Kuns C Bonello staqsa kemm ser ikunu qegħdin isiru frekwenti dawn il-lezzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kors kollu se jkun ta' tmien xhur bejn Settembru 2025 u Mejju 2026, bil-parteċipanti bl-età ta' tnax il-sena 'l fuq bil-grupp li jrid ikun magħmul minn ta' l-inqas ħmistax il-persuna. Is-Sindku qal li jixtieq jamalgama ma' l-għaqdiet fejn ċertu għaqdiet minnhom għandhom nies professjonali

bħal tal-Gimgħa l-Kbira fejn il-Kummisjoni diġa għandhom lil min. Is-Sindku qal ukoll li l-'Youth Centre' dawk li jieħdu sehem fi Pjazza fil-Milied, m'għandhomx esperjenza ta' drama u għaldaqstant tkun xi ħaġa sabiħa.

## 15.5 PLANNING AUTHORITY

**15.5.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 15.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**15.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill applika għall-iskema tal-finanzjament tal-karnival fejn ġiet aċċettata l-applikazzjoni. Is-Sindku qal ukoll li l-massimu huwa ta' €5,000 pero l-Kunsill għad irid jiġi nfurmat bl-ammont eżatt. Il-Kuns C Bonello qal li hemm bżonn li l-Kunsill jiġi mgħarraf, u s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-ewwel iridu jiġu mgħoddija l-irċevuti, fejn il-massimu huwa ta' €5,000. Il-Kuns C Bonello qal li huma jridu jgħarrfu lill-Kunsill kemm se jagħtu flus u s-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex din tiġi kkjarifikata. Is-Sindku qal li din l-iskema ser tkun qed tiffinanzja sa massimu ta' €5,000, iġifieri minn €5,000 'il fuq infieq 'jittieħdu mill-'budget' tal-Kunsillier responsabbli.

**15.6.2** Is-Sindku nforma l-kamra li fil-legislatura li għaddiet, peress li kellu l-ġonna pubblici taħtu, kien applika għall-iskema tal-ġonna urbani u ġiet aċċettata. Is-Sindku qal li għaldaqstant, il-Kunsill għandu l-ammont ta' €5,000 biex jinxtraw żebbug jew ċitru, fejn qal ukoll li huwa jixtieq li ma jinxtarax żebbuġ imma jinxtara ċ-ċitru. Il-Kuns C Bonello qal li huwa hekk jaħseb, li għandu jsir ukoll jekk il-Kunsill jaqbel. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li r-raġuni hija peress li siġar taċ-ċitru l-Kunsill m'għandux u idealment ikun ċitru tajjeb u mhux bakkaljaw. Il-Kuns R Ellul qal biex isir 'meeting' bejnu u l-Kuns C Bonello, bis-Sindku jgħid li għandhom jinfurmaw lill-kuntrattur ukoll u s-Segretarju Eżekuttiv tgħid li m'għandux ikun hemm dewmien. Is-Sindku qal li dawn għandhom jiġu ordnati u jinxtraw u li hemm imniżżlin is-'suppliers' fil-lista. Il-Kuns C Bonello staqsa min ser iħallas, fejn kemm is-Segretarju Eżekuttiv u anke s-Sindku wieġbu li l-Kunsill għandu jibgħat l-irċevuti. Il-Kuns C Bonello staqsa jekk hux se tkun qed tinħareġ kwotazzjoni lilhom jew jekk jistgħux jaqbdu u jinxtraw. Is-Sindku qal li l-Kunsill jistà jmur jixtrihom mingħand wieħed mis-'suppliers' indikati.

**15.6.3** Is-Sindku nforma l-kamra li reġgħet ħarġet l-iskema tal-'Life Long Learning' u għaldaqstant il-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema. Il-Kuns M Lombardo qal li ser jiġu applikati l-istess korsijiet jiġifieri dawk ta' l-Ingliż u l-Malti peress li dawn kienu ta' suċċess.

Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7053/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għall-iskema tal-Life Long Learning għat-tagħlim ta' l-Ingliż u l-Malti għall-barranin għas-sena 2025/2026 SPI/SCI/1/2025.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.6.4** Is-Sindku nforma l-kamra li waslet il-polza ta' l-assigurazzjoni minħabba l-'Personal Accident' li tinkludi l-Kunsilliera wkoll, għall-ħlas ta' €30 kull persuna.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7054/25/9** 'Sabiex tiġi mġedda l-polza tal-assigurazzjoni 'Personal Accident' għal kull persuna li l-Kunsill ikun se jkopri taħt din il-polza minn 29 ta' Jannar 2025 sa 28 ta' Jannar 2026, għas-somma ta' mhux aktar minn €30 kull persuna.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.6.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7055/25/9** 'Sabiex tiġi mġedda l-polza tal-assigurazzjoni tal-flus kontanti, ċekkijiet, kif ukoll waqt inċident ta' serq fejn ħaddiema iġarrab xi forma ta' danni kemm fiżiċi kif ukoll affarijiet personali, għal perjodu minn 29 ta' Jannar 2025 sa 28 ta' Jannar 2026, għas-somma ta' mhux aktar minn €65.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 15.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**15.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-FSWS kellhom 'aircondition' li m'għadux jaħdem fejn din hija ħsara li jrid jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill, u għaldaqstant ser iressaq mozzjoni sabiex jinxtara ieħor.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7056/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa sabiex jinxtara air condition għas-sular ta' l-FSWS.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li kellmu resident minn Triq San Mikiel kantuniera ma' Triq il-Koppla fejn hemm kisra qawwija u eżatt l-isfel hemm 'zebra crossing'. Is-Sindku qal ukoll li fejn hemm iż-'zig zag' taż-'zebra crossing', qed jipparkjaw vannijiet kbar u ftit taż-żmien ilu kienet ser tittajjar persuna minn fuq iż-'zebra crossing'. Is-Sindku kompla jgħid li dan ir-resident talab biex isiru 'double yellow lines' jew bollards, pero qal li jekk isiru 'double yellow lines' xorta waħda ser jipparkjaw. Is-Sindku qal li lil dan ir-resident qallu li biex isiru bollards, il-Kunsill irid japplika ma' 'Transport Malta'. Is-Sindku kompla billi qal li jekk il-membri tal-Kunsill ma jsibu l-ebda oġġezzjoni, il-Kunsill japplika ma' 'Transport Malta' sabiex isiru żewġ bollards fejn hemm iż-żigużajg, fejn mhux suppost jipparkjaw vetturi u tiġi segwita r-risposta mingħand 'Transport Malta', fejn jekk dan ma jkunx possibli, isiru 'double yellow lines'. Il-Kuns C Bonello qal li jixtieq jistaqsi li jekk il-bollards fil-Fgura ma jistgħux isiru, jixtieq ikun jaf kif f'lokalitajiet oħra madwar Malta, f'kull kantuniera jkun hemm il-bollards, għax ir-residenti mhux ser jifhmu kif

f'lokalitajiet oħra jkun hemm u fil-Fgura ma jkunx hemm. Il-Kuns R Ellul qal li legalment hemmhekk lanqas hemm bżonn ta' 'double yellow lines' għax hemm 'zig zag' li juri li mhux suppost jiġu pparkjati vetturi. Is-Sindku qal li l-Kunsill xorta għandu jibgħat lil 'Transport Malta' rigward il-bollards.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7057/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jibda proċess ta' applikazzjoni għal żewġ bollards biswit iż-'zebra crossing' li hemm fi Triq San Mikiel kantuniera ma' Triq il-Koppla'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.7.3** Is-Sindku qal li jixtieq jirringrazzja lil kulħadd ta' l-attendenza fi Pjazza fil-Milied, fejn qal li din l-attività kienet ta' suċċess u li aktar 'il quddiem tiġi mitkellma aktar waqt il-progress ta' ħidma. Is-Sindku qal ukoll li qed isemmi Pjazza fil-Milied ukoll għaliex huwa dejjem jisħaq sabiex jinġiebu kemm jistajkun fondi. Is-Sindku ppreżenta ċekk ta' €12,500 minn naħa tar-Reġjun għall-Pjazza fil-Milied.

**15.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li waqt il-laqgħa tar-Reġjun tkellmu miegħu s-Sindki ta' Raħal Ġdid kif ukoll ta' Ħal Tarxien u lokalitajiet oħrajn, fejn qalulu li l-Kunsilli tagħhom m'għandhomx l-ispazju li għandu l-Kunsill tal-Fgura. Is-Sindku qal ukoll li għaldaqstant, staqsewh jekk il-ħaddiema tagħhom li huma ħaddieda jistgħux jaħdmu fil-garaxx tal-Kunsill tal-Fgura. Huwa kompla billi qal li huwa qalilhom li m'għandux problema, pero din mhix xi ħaġa li jistà jgħid 'iva' huwa, u għaldaqstant irid jitkellem mal-membri tal-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li tkellem mal-ħaddieda u staqsihom xi spejjeż ikun hemm, fejn qalulu li l-'welding' jiġbed ħafna dawl. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jinvesti fl-għodda, igifieri meta din tkun qed tintuża minn Kunsill ieħor, il-'wear and tear' tagħha ma jkunx qed jeħilha l-Kunsill tal-Fgura imma Kunsill ieħor. Is-Sindku qal ukoll li għaldaqstant staqsa lill-ħaddied kemm għandha tkun il-kirja tal-garaxx, u wara jumejn kellmu u qallu li jekk bl-ispazju u bid-dawl jintalbu €1,000 fix-xahar, din tkun tajba. Huwa qal li jekk il-membri tal-Kunsill jaqblu, għandha tintbagħat korrispondenza lura li tgħid li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan, u li l-vann tal-Kunsill tal-Fgura ma jintużax imma jintuża l-vann tal-Kunsill tagħhom, sabiex il-vann tal-Kunsill tal-Fgura jibqà jintuża għall-ħaddiema tal-Fgura. Is-Sindku qal li huwa ċċekkja u din tista ssir, għaldaqstant jekk ikun hemm qbil, il-Kunsill għandu jgħaddi mozzjoni.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7058/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill ipoġġi għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli Lokali oħrajn, l-ispazji fil-garaxx tal-Kunsill Lokali sabiex isiru xogħolijiet fl-interess tal-lokalitajiet bi ħlas ta' €1000 (+VAT jekk ikun il-każ) minn kull Kunsill Lokali.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li kellu diskussjonijiet fuq xi servizzi li qed jiġu offruti fil-Kunsill, u li tkellem ma' l-avukat li l-Kunsill kien qabel fuqu. Is-Sindku qal ukoll li meta tkellem miegħu fuq servizz partikolari, irriżulta li huma klijenti tiegħu, u għaldaqstant werà kunflitt ta' nteress. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill ma jistax ma jkollux avukat ieħor u għalhekk ser jgħaddi mozzjoni rigward tliet kwotazzjonijiet ta' avukati, sabiex ikun hemm rimedju li ma jkunx hemm għalfejn jitkellem ma' l-avukat tal-Kunsill. Il-Kuns C Bonello staqsa ta' min hija l-irħas kwotazzjoni fejn għal dan, is-Sindku wieġeb li hemm żewġ kwotazzjonijiet li huma l-irħas u huma l-istess.

Is-Sindku talab li tiġi sospiża l-kamra minħabba protezzjoni tad-data.

Wara diskussjoni, is-Sindku talab sabiex tkompli l-laqgħa.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7059/25/9** 'Dan il-Kunsill qed jagħżel is-servizz tas-Sur Ivan Meli għall-esperjenza tiegħu fil-qasam legali.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 15.8 MISTOQSIJIET

**15.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 15.9 MOZZJONIJIET

**15.9.1** Is-Sindku nforma l-kamra li peress li żdied l-'istaff' hemm bżonn ta' aktar siġġijiet. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jipprova jġib is-siġġijiet tal-membri tal-Kunsill bħal ta' l-'istaff', pero jidher li għandhom xi problema għax tnejn minnhom qegħdin jitbaxxew, u għaldaqstant mhux ser jinġiebu aktar siġġijiet bħalhom biex ma tiżdiedx il-problema. Il-Kuns C Bonello qal li madwar erba' jew ħames xhur ilu, kienet għaddiet mozzjoni sabiex jinbidlu s-siġġijiet tal-membri tal-Kunsill u ma sar xejn fuqha, u li xi ħadd ser jispiċċa jweġġa. Is-Sindku reġà qal li l-Kunsill mhux ser iġib iktar siġġijiet bħal ta' l-'istaff' minħabba r-raġuni li qed jitbaxxew. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qegħdin fil-pjan li jitbiddlu.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7060/25/9** 'Sabiex jinxtraw żewg siġġijiet għall-istaff skond l-irħas kwotazzjoni annessa dik ta' €340.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 15.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**15.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 15.11 FINANZI

**15.11.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ser iressaq mozzjoni sabiex jiġi approvat l-'Annual Budget for Financial Year 2025'. Il-Kuns C Bonello staqsa jekk hux ser isiru xi emendi oħrajn. Is-Sindku wieġeb li għal din is-sena l-'budget' inħadem bilgħaqal pero` ġew minsija l-għaqdiet. Is-Sindku qal ukoll li huwa tkellem ma' l-'accountant' u li l-lista hija fissa bil-liġi u jistà jsir ċaqlieq ta' flus. Huwa kompla jgħid li €20,000 mill-fond ta' l-'upkeeps and repairs' li huwa nkarigat minnhom ser jitniżżlu taħt 'communities' u jgħaddu taħt ir-responsabbiltà tas-Sindku peress li l-għaqdiet jaqgħu taħtu, filwaqt li dawk tal-Kunsilliera mhux ser jintmessu.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7061/25/9** 'Sabiex jiġi approvat l-'Annual Budget for Financial Year 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 15.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**15.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-laqgħa tas-Sotto Kumitat tat-'Traffic Management' ser issir il-gimgħa d-dieħla. Is-Sindku fakkar lill-Kuns R Ellul rigward it-'timed parking', fejn il-Kuns R Ellul wieġeb li huwa kważi lest. Il-Kuns M Lombardo qal li jixtieq jistaqsi xi ħaġa rigward 'traffic management', fejn qal li kien diġa kellem lis-Sindku personalment fuqha. Il-Kuns M Lombardo qal li l-Kunsill għandu numru ta' 'one ways' li ilhom approvati għal xhur sħaħ u għadhom ma ġewx implimentati. Is-Sindku wieġeb billi qal li l-għada ser imur il-perit għaliex hemm xi żball zgħir fid-'drawings' minn naħa tiegħu u ser tiġi diskussa.

## 15.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**15.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li nfetħet parti minn Triq A.M. Valperga li tmiss ma' Triq ir-Riħan, fejn qed ikellmuh ir-residenti u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tintbagħat 'email' lil 'Infrastructure Malta'. Is-Sindku qara l-'email' li tgħid 'Għażiż Sur Ellul, nispera li tinsab tajjeb. Qed nikteb biex ninfurmak dwar il-kundizzjoni attwali ta' Triq A.M. Valperga fil-Fgura li hija triq ġdida u għadha qatt ma saret, u huwa mportanti ħafna li ssir fl-ewwel intervent minn 'Infrastructure Malta' sabiex it-triq tinbena kif suppost u tkun

addattata għall-użu tar-residenti. Barra minn hekk, hemm periklu kbir minħabba n-natura tal-post fejn hemm il-possibiltà li xi hadd jaqà mit-triq peress li hemm m'hemmx ilquħ. Għaldaqstant nissuġġerixxi bħala parti mix-xogħolijiet isir ċint sabiex ikun hemm sigurtà għar-residenti. Grazzi tal-kooperazzjoni tiegħek.' Is-Sindku qal li hemm ritratt li ġie anness u li l-Kunsill issa qed jistenna mingħandhom biex ikun infurmat meta ser issir.

**15.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta 'email' rigward sit ta' kostruzzjoni fejn ġiet mitluba talba mingħand l-iżviluppatur. Is-Sindku qassam il-pjanta lill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku qara l-'email' li tgħid 'Għan-nom ta' CF Homes, qed niktiblek din l-ittra sabiex l-ewwelnett nifraħlek tal-ħidma mpenjattiva li intom flimkien bħala membri tal-Kunsill qed tagħmlu, anke meta s-sitwazzjonijiet ma jkunux tant faċli. Nixtieq niġbed l-attenzjoni fuq permess speċifiku li applikajna għalih fuq is-sit ta' kostruzzjoni The Corner Residence, fi Triq is-Sur bin-numru ta' l-applikazzjoni – FGR-2024-11021 biex nibnu boundary wall fl-imsemmija triq. Din is-sit qegħda kantuniera ma' tliet toroq, Hompesch Road, Triq is-Sur u Triq il-Kitba. Ftit xhur ilu konna applikajna għall-permess għall-boundary wall ieħor fi Triq il-Kitba u ġie approvat mingħajr problemi. Bnejnieħ skond ir-regolamenti meħtieġa, bla ebda perkilu u bl-inqas inkonvenjent possibli għar-residenti u bħal ma taf irranġajna l-bankina biex inħallu l-ilma tax-xita jgħaddi fil-water drains kif suppost u kif xtaqt int. Il-permess FGR-2024-11021 applikajna għalih fi Triq is-Sur għax hija l-unika triq li nistgħu naħdmu biex ma noħolqux inkonvenjent lir-residenti, għax fi Triq Hompesch hemm bus stop u fi Triq il-Kitba hemm l-entratura ta' l-iskola, allura rajna li dik hija l-aħjar soluzzjoni possibli biex aħna nkunu nistgħu naħdmu u ma noħolqux l-ebda nkonvenjent lir-residenti u lin-nies li jgħaddu minn hemm ta' kuljum.'

Is-Sindku qal li huwa kellmu u qallu li jridu jgħaddu s-servizzi kollha minn taħt il-bankina ta' Triq is-Sur u għaldaqstant iridu jestendu l-boundary wall 'il barra kif indikat bil-kulur blu fuq il-pjanta. Is-Sindku qal ukoll li huwa ma jħossux komdu sa l-aħħar fuq din il-biċċa tax-xogħol għax ma jafx kemm ser iddum u jippreferi li jkellmuħ bil-perit u jsirulu l-kundizzjonijiet li ġaladarba jkun lest ix-xogħol, mill-għada jekk ma jneħħix il-'boundary wall' u jerga jagħti aċċess lir-residenti, jkun hemm multi kbar. Il-Kuns C Bonello qal li l-linji tal-binji li ser jibni jkunu eżatt kif inhu llum u mhux li jiftaħlek access. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li l-linji tal-binji jibqgħu fejn huma. Is-Sindku qal li l-perit għandu jikteb f'isem il-Kunsill. Il-Kuns R Deguara qal li jrid ikejjel it-triq kif inhi preżenti. Il-Kuns C Bonello qal li l-perit irid jagħmel 'survey' tat-triq biex jara kif inhu preżenti inkluż id-dawra ta' fejn 'Vince Hardware Stores', fejn qal ukoll li m'għandux jintnesà li fl-applikazzjoni riedu jieħdu biċċa mill-bankina preżenti. Is-Sindku qal li l-perit għandu jagħmel 'survey' tad-dawra kollha bil-qisien preżenti fi Triq Hompesch, Triq is-Sur u Triq il-Kitba. Il-Kuns M Lombardo qal li barra minn hekk, irid ikun hemm bankina proviżorja 'il barra minħabba t-tfal ta' l-iskola fejn tkun fil-kundizzjoni li tiġi osservata, fejn għal dan is-Sindku wieġeb li qegħda mmarkata bl-aħmar u li hija bilfors għax bil-liġi.

Il-Kuns J Scicluna qalet li tapprezza lil dan il-kuntrattur li kien raġel u qalilha li biex ma joħloqx inkonvenjenza minħabba s-servizz tat-trasport u anke minħabba t-tfal ta' l-iskola fi Triq il-Kitba u Triq Hompesch, ser juża din it-triq. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li hi tapprezza li ser jagħmel dan għax jekk jaħdem in-naħa l-oħra tat-triq fejn il-'bus stop' u anke n-naħa l-oħra fejn jgħaddu t-tfal għall-iskola, jinħoloq inkwiet kbir. Is-Sindku qal li ma kienx ser iħallih fejn il-'bus stop'

għax ma jistax. Is-Sindku qal ukoll li jrid isir il-kejl kif inhu eżatt tad-dawra u t-toroq kollha. Il-Kuns C Bonello qal li l-Kunsill għandu jara eżatt il-linja tat-triq kif inhi u li huwa jintrabat li meta ser jerġa jneħħi l-ħajt, l-linji ser jibqgħu eżatt l-istess kif inhuma, u anke kemm ser idumu. Il-Kuns R Ellul qal li x'aktarx ser titħaffer il-bankina u jgħaddu s-servizzi minn hemm. Il-Kuns J Scicluna qalet li jekk jistà, jagħmel aċċess lin-nies minn Triq is-Sur li sejrin joqgħodu hemm, sabiex ikunu jistgħu jtellgħu l-affarijiet li jixtru. Il-Kuns C Bonello staqsa lill-Kuns J Scicluna jekk kellmitux, fejn għal din il-mistoqsija, il-Kuns J Scicluna qalet li bgħatitlu messaġġ pero jidher li l-messaġġ qrah u ma weġibhiex. Is-Sindku qal lill-Kuns J Scicluna sabiex terġa tibgħatlu permezz ta' 'email'. Il-Kuns J Scicluna qalet li ser terġa tavżah.

**15.13.3** Is-Sindku nforma l-kamra li ser ikun hemm distribuzzjoni tad-dawl li ser tgħaddi mit-toroq tal-Fgura tal-'low' u l-'high voltages', fejn hemm numru ta' toroq sostanzjali. Huwa qassam il-pjanta bid-distribuzzjoni lill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku qal li rċieva korrispondenza fejn qalu li ser ikunu qegħdin iqattgħu t-toroq u jgħaddu bil-'high voltage' u l-'low voltage lines' minħabba l-problemi kbar li qed ikun hemm tal-'low voltages' u l-'high voltages', fejn kull min għandu 'over and under' jinduna għax jixgħel u jitfi d-dawl għal ċertu ħin. Is-Sindku qara korrispondenza li tgħid 'Good afternoon to all. Upon the issuance of road work permits from Transport Malta, Enemalta trenching works are expected to start next week. Works will start from Triq Gorg Stevens and will head towards Trq il-Karmnu Fgura as per route found within the attached siteplan. The majority of works will not require road closure, only a few localized closures will be required as per attached traffic management drawings. Traffic management to Triq il-Karmnu, Triq Hompesch and Triq it-Taghlim are still being finalized. The crossing at Triq Hompesch for example will be carried out at night. Specific closures will be advised beforehand.'

Il-Kuns C Bonello qal li huwa mhux ser japprova ghal Triq Kampanella, Triq is-Sur u Triq Anġlu u Marianna Camilleri għax għadhom ġodda. Is-Sindku qal li huwa staqsa u f'toroq bħal dawn huma qed jitkellmu magħhom 'Infrastructure Malta', fejn lanqas il-permess minn 'Transport Malta' għadu ma ħareġ. Il-Kuns R Ellul qal jekk jistgħux jiġu msaqsa jekk Triq il-Karmnu jistax isir is-'servicing' kollu peress li ser tkun ser tinqalà. Is-Sindku qal li xorta qegħda 'listed' pero l-Kunsill jistà jibgħatilhom ukoll, u bejn 'Infrastructure Malta' u 'Enemalta' l-istess kuntrattur jibqgħu għaddejjin bix-xogħolijiet. Is-Sindku kompla billi qal li dan jaf ma jkunx aċċettat għax meta kellmuh CEO u anke l-Ministru, qalulu li ħarġu 'policy' li jkun hemm triq waħda għal kull lokal, u qed jippjanaw li jaqilgħu Vjal Kottoner. Huwa qal li suppost kellha tibda f'Ġunju ta' l-2024. Is-Sindku sostna li għandha tintalab konferma biex fejn hemm toroq li għadhom taħt garanzija ser jinghatha l-'full width', iġifieri fejn ser iqattgħu, jagħtu t-'tarmac' it-triq kollha. Il-Kuns M Lombardo qal li Triq il-Foss ingħatat it-'tarmac' pero` l-aħħar biċċa qabel Vjal Kottoner ma ingħatatx kollha. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Kuns R Ellul qalu li x'aktarx ser issir ma' Vjal Kottoner.

**15.13.4** Il-Kuns M Lombardo qal li fl-aħħar laqgħa li saret b'urġenza iltaqgħu l-membri tal-Kunsill biex jiġu approvati l-fondi biex jitħallsu ta' Triq is-

Summiena, u staqsa jekk hux ser jiġi l-kuntrattur. Is-Sindku qal li ser jiġi jiġbor il-permessi biex iwaħħalhom u ser jgħolli t-tappieri tat-triq biex ikun jistà jtihom it- 'tarmac'. Is-Sindku qal ukoll li kellmu minħabba li ġej il-bennej biex ikun jistà jtella ċint ta' resident partikolari li waqalu. Il-Kuns M Lombardo semma wkoll bankina fejn hemm rampa wieqfa u kien ser iseħħ aċċident. Għal dan, is-Sindku wieġeb li din tistà tiġi tranġata.

## 15.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**15.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li flimkien mas-Sindku kellu 'meeting' ma' l-'provider' ta' l-'app' peress li d-'demo' mal-'provider' ta' qabel ma tantx kienet tajba. Is-Sindku qal li kienu qed jieħdu flus u dejjem xejn mhu xejn u meta staqsihom x'għandhom lest, qal li lanqas il-bażiku ta' l-'app' ma kellhom u għaldaqstant itterminalhom kollox. Is-Sindku qal ukoll li ser jinstab xi ħadd li huwa kapaċi bħala 'service provider' għall-'app'. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li ser isiru r-riċerki wkoll. Il-Kuns M Lombardo staqsa rigward l-affarijiet li kienet għamlet is-Sna Toshera Schembri, fejn għal dan kemm is-Sindku kif ukoll il-Kuns I Catania De Giovanni qalu li ma kien sar xejn. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk il-Kunsill hux ser ikun qed jerġa jibda mill-bidu. Is-Sindku wieġeb li mhux neċessarjament għax huwa tkellem ma' 'service providers' oħra u qalulu li f'xahar u nofs tingħata taħdem. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li għandu jkun hemm kollox effiċjenti għall-'istaff' u għar-residenti tal-Fgura.

**15.14.2** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li mar l-'Esplora' fejn attenda għall-'Christmas STEM Factory' u kien hemm hafna '3D printers', fejn ra ħafna zagħzagħ u familji jieħdu gost jaraw dan it-'3D printers'. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal ukoll li flimkien ma' l-'Esplora' ġie diskuss jekk jistax isir kors fuq '3D printing', fejn ġie mistoqsi jekk dan hux possibli u r-risposta kienet waħda pożittiva. Huwa kompla jgħid li saret laqgħa ma' l-'Esplora' biex jiġi diskuss x'jistà jsir.

**15.14.3** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li rigward nies bi bżonnijiet speżjali, qed jesplora x'irid isir u ħareġ b'idea ta' 'robot' li jkun disponibbli għar-residenti li huma persuni bi bżonnijiet speċjali sabiex ikun jistà jtihom il-pinnoli, speċjalment għal min forsi ma jkunx jistà jimxi jew anke persuni bil-kundizzjoni ta' l-awtiżmu li forsi jiddejqu jmorru fi spiżerija. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal ukoll li hemm kumpanija barra minn Malta bl-isem ta' 'Richtech Robotics', fejn ftit tal-gimgħat oħra ser issir laqgħa biex jiġi diskuss prezz u kif ser jiġi offrut dan is-servizz ġewwa l-Kunsill. Is-Sindku qal li aktar minn prezz, wieħed l-ewwel irid jara rigward l-infrastruttura ta' pajjiżna. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li ser jiġi diskuss pjan u jekk jistax isir 'custom' għall-Kunsill. Il-Kuns C Bonello staqsa jekk dan ir-'robot' hux ser ikun qed jimxi jew itir għax tagħmel differenza. Is-Sindku qal li jkollu bħal 'trackers'. Il- Kuns C Bonello qal

li hawn konfużjoni fit-toroq u trid tkun xi haġa 'tailor made' għall-Fgura. Is-Sindku qal lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jitkellem magħhom.

**15.14.4** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li d-'development' tat-'ticketing system' ta' 'CRM' (Customer Relationship Management) lest u qegħda 'in testing'.

**15.14.5** Is-Sindku stieden lill-Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' l-inizjattiva ta' Milied Riċiklabbli kienet suċċess.

**15.14.6** Il-Kuns C Bonello qal li ntlaħqu l-objettivi kollha fl-inizjattiva ta' Pjazza fil-Milied, u minkejja li t-temp ma kienx favorevoli speċjalment fi-tieni ġurnata, il-programm sar kollu. Il-Kuns C Bonello semma l-presepju, kif ukoll il-'gingerbread' u nforma li waslu ċ-ċertifikati tal-'Malta Records'. Huwa qal ukoll li jonqos tingħata tifkira lill-'Youth Centre', fejn ftiehem magħhom li jingħata ċertifikat u anke possibilment ritratt ta' l-okkażjoni.

**15.14.7** Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-Wirja tal-Milied kien ukoll sodisfatt fejn kien hemm l-involviment ta' bosta persuni.

**15.14.8** Il-Kuns Bonello qal li kien hemm ħames applikanti fir-rigward tas-siġra tal-Milied, fejn il-proċess sar kollu u għadu qed jistenna r-rapport.

**15.14.9** Il-Kuns C Bonello skuża ruħu fir-rigward tal-wirja li kellha ssir fl-aħħar tax-xahar peress li kellu jikkanċellaha u tiġi posposta. Il-Kuns C Bonello qal li kellu jaħdem fuqha wara Pjazza fil-Milied pero` minħabba ċirkostanzi familjari li nqalgħu, ser ikollu jippostponiha għal darboħra.

**15.14.10** Il-Kuns C Bonello qal li diġà tkellem ma' tal-banda minħabba l-40 anniversarju mit-twaqqif tas-soċjetà pero bħalissa għaddejjin bil-preparamenti tagħhom għaż-żjara fil-Vatikan, fejn qalu li sa Mejju jridu jikkonċentraw fuq iż-żjara għall-Vatikan, u Ġunju u Lulju jikkonċentraw fuq il-ftuħ tal-każin.

**15.14.11** Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-Karnival 2025, il-preparamenti bdew u jinsabu mixjin, u li ser isir il-Ħadd 2 ta' Marzu 2025 bejn l-10:00 u 12:00. Il-Kuns C Bonello qal li l-pjan huwa li bħas-soltu din l-attività ssir fi Triq Hompesch, pero jistajkun li jkollha ssir f'post ieħor fejn dan jiddependi jekk Vjal Kottoner tkunx ingħalqet jew le, għax jekk ix-xogħol ikun beda pero` jkun bedà fuq il-bankini u t-triq ma tkunx magħluqa, il-pjanijiet ikunu jistgħu jitħallew kif kienu oriġinarjament. Il-Kuns C Bonello qal li jekk dan ma jkunx il-każ, tkun tistà ssir f'Vjal Kottoner fil-parti ta' isfel. Il-Kuns C Bonello kompla billi qal li l-'bus stops' li se jkunu qegħdin jintlaqtu, huma n-naħa tal-Kunsill mill-mina ta' Hompesch sa ħdejn 'Vince Hardware Stores', filwaqt li minn naħa l-oħra ma ser ikun qed jintlaqat l-ebdà 'bus stop', peress li d-'diversion' ser tkun li mill-mina

'l isfel ser jgħaddu għal Triq il-Foss u jerġgħu joħorgu mir-'roundabout', filwaqt li il'fuq kemm iduru mar-'roundabout'.

**15.14.12** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' l-iskema tal-karnival ta' €5000, fil-laqgħa li kienet saret mas-surmast ta' l-iskola dwar l-inizjattivi tal-ambjent, kienu semmew li ser jagħmlu l-karnival u kienu staqsew jekk hemmx ċans ta' xi għajnuna mill-Kunsill. Il-Kuns C Bonello qal li peress li l-Kunsill irċieva din l-iskema, forsi jkun hemm iċ-ċans li tiġi mgħotija għajnuna lill-iskola sabiex jagħmlu l-Karnival tagħhom. Huwa kompla jgħid li b'din l-għajnuna li tingħata, fl-istess ħin isir riklam għall-attività li ser issir fit-2 ta'Marzu 2025. Il-Kuns C Bonello qal li dan dejjem jekk il-'budget' jippermetti minħabba li ġiet sottometta l-applikazzjoni ma' 'Transport Malta' biex issir id-devjazzjoni tat-traffiku, u qed jitolbu li ssir 'insurance' li għadu ma jafx kemm ser tiġi tiswa lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku qalu li jrid isir ukoll 'risk assessment'.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7062/25/9** 'Mozzjoni addizzjonali ta' €2000 sabiex isiru l-attivitajiet marbuta mal-Karnival 2025. Il-Kunsill japprova wkoll li jgħin lill-iskejjel Primarji tal-Fgura sabiex jorganizzaw il-karnival fl-iskola dejjem sakemm il-budget ikun jippermetti.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.14.13** Il-Kuns C Bonello qal li rigward l-inizjattiva tal-karnival għat-tfal li jpenġu l-maskri tal-karnival, ser jiġu mqassma 'leaflets' għall-parteċipazzjoni fejn mhux ser jitqassmu f'kull dar imma fl-iskejjel, biex jiġu frankati l-flus.

**15.14.14** Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-mixegħla ta' Ħamis ix-Xirka mexjin u bdew il-preparamenti, u ser jipprova li sal-laqgħa li jmiss ikollu l-ewwel dettalji. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li din ser tkun fl-14 t'April 2025, u għaldaqstant hemm ftit taż-żmien mhux ħazin peress li ser tiġi ftit tard.

**15.14.15** Il- Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' skambji u ġemellaġġi, qed jistenna lill-President tal-fondazzjoni sabiex tagħmel kuntatt mal-Kunsill u jkun jistà jipproċedi . Il-Kuns C Bonello qal li qed jipprova li ssir laqgħa fil-bidu ta' Frar sabiex tiġi esplorata l-opportunità għall-ġemmellaġġ għall-Sqallija, fejn għadu ma kellux risposta.

**15.14.16** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7063/25/9** 'Sabiex issir edizzjoni oħra ta' l-esebizzjoni ta' Ħiliet il-Fgurin fil-perjodu ta' Mejju / Ġunju 2025 bi spiża ta' €3500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.14.17** Il-Kuns C Bonello qal li rigward l-iskema tas-siġar trid tittieħed azzjoni biex jiġu ordnati s-siġar u jrid jiġi deċiż fejn ser jitħawlu. Il-Kuns C Bonello qal li huwa kien tkellem biex jiġu tranġati s-siġar li hemm fil-'main road', jiġu mibdula n-numru ta' siġar li hemm mejtin fil-'main road', u biex jinqalgħu s-siġar minn gol-'pots' li kibru ħafna u jitpoġġew fl-art jew f''pots' ikbar u flokhom jitħawlu siġar zagħar. Il-Kuns J Scicluna qalet li fi triq Mater Boni Consigli hemm xi tliet siġar li qed ifarfru fuq il-karozzi tan-nies. Il-Kuns C Bonello qal li ma jistgħux jinqalgħu, filwaqt li s-Sindku qal biex jintqal lill-kuntrattur biex jiżborhom.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7064/25/9** 'Sabiex tiġi vvotata s-somma ta' €2000 biex isiru miljoramenti ta' siġar fil-lokal.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.14.18** Il-Kuns C Bonello qal li wasal iż-żmien sabiex ċerti siti hemm bzonn li jiġu skedati, fejn uħud minnhom huma approvati, pero` huwa fl-interess tal-Fgura li jiġu skedati. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li jekk il-Kunsill jaqbel, għandha tinġabar il-lista tagħhom biex jitressqu quddiem il-'Planning Authority' biex jiġu skedati. Huwa kompla jgħid li kull Kunsillier jistà jipproponi fejn irid li jiġu skedati, u sa gimgħa qabel il-laqgħa li jmiss jitressqu għand is-Segretarju Eżekuttiv biex ikollu gimgħa biex jikkonsolidahom. Il-Kuns C Bonello qal li dawn iridu jkunu siti ta' valur storiku kbir b'relevanza għall-Fgura, bħall-parti l-antika tal-Fgura, u fejn hemm niċeċ u monumenti.

Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk tistax tipproponi ix-xelter, pero kemm is-Sindku kif ukoll il-Kuns C Bonello wieġbu li hemm problemi kbar fih għax mimli bid-dranaġġ u meta jitnaddaf, jerġà jimtelà. Il-Kuns C Bonello qal li l-entratura li għandu bħalissa biex tidħol fih hija perikoluża ħafna u l-unika alternattiva li fadal hija li meta tkun qed issir Triq il-Karmnu, peress li x-xelter jgħaddi minn taħt is-salib u għandu bokka fi Triq il-Karmnu, tinfetaħ dik il-bokka peress li hija komda minħabba li għandha taraġ. Huwa kompla billi qal li meta tkun qed issir din it-triq iridu joqgħodu attenti minħabba dan ix-xelter. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kuns C Bonello biex jgħidilha fejn jinsab eżatt. Il-Kuns C Bonello qal li x-xelter jibdà mix-xifer ta' Triq Nazzareno Farrugia, fejn jibqà sejjer sa quddiem il-ħanut 'Magic Prices' u l-'main road' fejn jibqà tiela sa fejn joqgħodu ta' Gouder.

Is-Sindku qal li s-sena l-oħra kienet għaddiet mozzjoni biex jiġi esplorat il-permess biex is-'central strips' tal-konkos jitkissru. Il-Kuns R Ellul qal li kien qed jistenna mingħand il-perit biex apparti s-'central strips' hemm iktar minn tal-

'main road'. Is-Sindku qal lill-Kuns R Ellul sabiex jibgħatlu 'email' biex ikellmu fuqha.

**15.14.19** Il-Kuns C Bonello qal li kien hemm żvilupp fuq il-bust ta' Patri Timotju fejn l-artist kkonferma li qed jaħdem fuqu u fil-ġranet li ġejjin ser issir laqgħa fuq il-post. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li kienet ser tiġi skedata għall-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2025, pero` din ser tiġi mibdula.

**15.14.20** Il-Kuns C Bonello qal li hemm skema tal-kultura 'Training and Development Support Scheme', fejn jaħseb li l-Kunsill jistà jikkwalifika għaliha u għandu jieħu ċans. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li din hija għal entitajiet imwaqqfin b'mod legali u għaqdiet volontarji, u l-Kunsill huwa entità imwaqqaf b'mod legali, u għaldaqstant għandu japplika għaliha.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7065/25/9** 'Sabiex il-Kunsill japplika għall-iskemi ta' l-Arts Council bit-tema Training and Development Support Scheme.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.14.21** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7066/25/9** 'Sabiex issir ħarġa għall-palazz tal-President ġewwa San Anton bejn ix-xahar ta' Marzu u Mejju 2025 għas-somma ta' mhux aktar minn €700.' Il-Kuns R Deguara qal li r-raġuni għalfejn għad m'għandux ix-xahar speċifiku hija għaliex ingħata instruzzjonijiet mill-uffiċċju tal-President biex ma jagħmilx data u jħalliha ftit miftuħa minħabba l-impenji, u li għadhom iridu jtuh data minn naħa tagħhom. Is-Sindku staqsa lill-Kuns R Deguara jekk hux ser ikunu qed jiltaqgħu mal-President, fejn għal dan il-Kuns R Deguara qal li ser ikunu qed jippruvaw, pero jaf ma jkunx possibli. Il-Kuns R Deguara qal ukoll li jaf ikunu fil-'Kitchen Garden' jew inkella fil-palazz stess, u li ma jistgħux ikunu ħafna nies peress li l-massimu huwa ta' 50 persuna u jridu jinqasmu f'żewġ gruppi.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.14.22** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li avviċinatha persuna li taħdem il-'blood bank' u għaddiet il-kuntatti lis-Sindku peress li huwa d-dekasteru tiegħu, sabiex il-Kunsill iġib il-'blood bank unit' fil-Fgura. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li għaddiet kollox lis-Sindku biex ikun jistà jahdem fuqha u li ser ikun qiegħed jagħmel kuntatt magħhom.

**15.14.23** Il-Kuns J Scicluna qalet li għamlet kuntatt mal-'Mental Health Association' fejn qed joffru li jiġu jagħmlu 'talks' b'xejn fil-Kunsill, fejn anke juru 'films' lir-residenti li jattendu. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li s-saħħa mentali m'għandhiex tkun għan-nisa biss imma għal kulħadd. Il-Kuns J Scicluna qalet li filwaqt li tifhem il-punt tal-Kuns I Catania De Giovanni, din hija għan-Nisà fis-Socjetà peress li huwa d-dekasteru tagħha. Is-Sindku qabel mal-Kuns J Scicluna u qal li r-riċerka sabiex isiru dawn it-'talks' saret minnha. Il-Kuns J Scicluna qalet li marret seminar li ħallset hi fejn kien maqsum fuq jumejn u ġabret ħafna kuntatti sabiex tkun tistà taħdem matul din is-sena. Is-Sindku qal lill-Kuns J Scicluna li għamlet sew u li m'għandhiex għalfejn tiġġustifika ruħha.

Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7067/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova talks b'xejn minghand Mental Health Association ghal talks fil-Kunsill. Attivitajiet Nisà fis-Socjeta.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.14.24** Il-Kuns J Scicluna qalet li avviċinaha persuna li jismu Joseph Castillo u li jgħallem il-'judo' fejn qed joffri lin-Nisà fis-Socjetà biex ikollhom sessjonijiet bla ħlas għall-'self defense'. Il-Kuns J Scicluna qalet li dawn jikkonsistu f'għaxar sessjonijiet għal nisa adulti biss. Is-Sindku staqsa lill-Kuns J Scicluna meta għandha l-ħsieb li jsiru fejn għal din il-mistoqsija, il-Kuns J Scicluna wieġbet li għad m'għandhiex data. Is-Sindku talab lill-Kuns J Scicluna sabiex titkellem mal-Kuns A Tanti peress li huwa nkarigat mid-dekasteru ta' l-isports. Il-Kuns J Scicluna wieġbet li mhux problema sabiex tagħmel dan, pero` 'self defense' mhux sports. Il-Kuns R Ellul qal li l-'judo' huwa 'self defense' sports. Is-Sindku qal li l-'judo' bħala 'self defense' huwa parti minn sports, u għaldaqstant għandha titkellem mal-Kuns A Tanti.

Il-Kuns J Scicluna qalet li dawn ma jistgħux isiru ġewwa l-Kunsill, imma jsiru ġo post fil-Fgura stess fil-'premises' tiegħu fejn huwa mgħammar b'tapit tal-lakstu li huwa adekwat biex isiru dawn is-sessjonijiet, biex f'każ li jaqà xi ħadd, ikun hemm is-sigurtà. Il-Kuns J Scicluna qalet li dan huwa persuna li huwa liċenzjat u jaħdem l-isptar u s-Sindku jaf min huwa. Is-Sindku qal li diment li qed tagħmel bħall-Kunsilliera l-oħra fil-Fgura stess, mhux problema. Is-Sindku qal li m'għandhiex tkun għall-adulti biss. Il-Kuns J Scicluna qalet li fl-'email' tiegħu kiteb li n-nisà għandhom ikunu adulti biss biex ma jkunx hemm tfajliet taħt it-tmintax il-sena. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li għandu jiġi mistoqsi biex dawn is-sessjonijiet ma jkunux għall-adulti biss. Il-Kuns R Ellul qal li dan il-persuna qed joffrieh b'xejn gol-'gym' tiegħu u jaf għandu 'policy' li ma jaċċettax persuni taħt it-tmintax il-sena. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jimxi mat-talba li qed tagħmel din il-persuna.

Il-Kuns J Scicluna resqet mozzjoni ref: **7068/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova sessjonijiet bla ħlas ta' self defense li ġie offrut lil nisà adulti li jattendu l-attivitajiet Nisa fis-Socjetà mingħand Joseph Castillo f'isem shirojudokwai.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.14.25** Il-Kuns J Scicluna qalet li ġiet avviċinata minn 'Transport Malta' rigward sessjoni b'xejn fuq sigurtà fit-triq li ssir ġewwa l-Kunsill, u peress li hija rigward trasport din hija miftuħa għal kulħadd, kemm għan-nisà u anke rġiel. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li ser isiru 'talks' b'xejn fejn ser jiġi spjegat kif ir-residenti għandhom jimxu fit-triq, kif għandhom jaqsmu t-triq u rigward sewqan ta' vetturi fit-toroq. Is-Sindku qabel ma' dan speċjalment wara l-inċident li seħħ ftit tal-ġranet ilu fil-Fgura, fejn ittajret persuna u mietet.

Il-Kuns J Scicluna resqet mozzjoni ref: **7069/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova sessjoni b'xejn mingħand Transport Malta fuq 'Road Safety' mingħand il-Perit Audrey Demicoli li jsiru fil-Kunsill Lokali. Dekasteru Trasport Pubbliku.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.14.26** Il-Kuns C Bonello staqsa rigward it-'tail lift' u fuq il-karozza tal-linja tal-Birgu. Il-Kuns J Scicluna qalet li fir-rigward tat-'tail lift' hija kitbet lill-kumpanija 'Citroen' ta' barra minn Malta, fejn dawn ma wieġbuhiex. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li minn naħa tagħha bdiet tfittex, pero` ma sabet xejn, u għaldaqstant hemm bzonn li jsir kuntatt ma' l-aġent f'Malta. Is-Sindku qal lill-Kuns J Scicluna biex tkellem lill-aġent Malti. Il-Kuns J Scicluna qalet li ser tagħmel dan u jimxi kollox minn hemm. Il-Kuns C Bonello qal li kellmuh tliet minn nies kemm minħabba t-'tail lift' u anke rigward il-karozza tal-linja għall-Birgu. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk il-Kunsill tal-Fgura ikunx jistà jitkellem mal-Kunsill ta' Raħal Ġdid peress li għandhom vann bit-'tail lift', u jiġi ċċekkjat jekk ikunx jistà jintuża l-vann tagħhom f'każ li jkun hemm xi ħadd anzjan mill-Fgura li jużа siġġu tar-roti u jkollu bżonn trasport. Is-Sindku qal li għal dan ser ikunu jridu ħlas.

Il-Kuns R Deguara qal li huwa mhux dispost li jonfoq mill-'budget' tiegħu u ma jaħsibx li l-Kunsill tal-Fgura għandu jiċċekkja ma' Kunsill ieħor, ghax il-Kunsill għandu l-vann tiegħu. Il-Kuns J Scicluna qalet li hi mhux qed tgħidlu biex jonfoq mill-'budget' tiegħu. Is-Sindku qal lill-Kuns J Scicluna biex titkellem ma' l-'agent' f'Malta minħabba t-'tail lift'. Il-Kuns C Bonello qal li t-'tail lift' mhux biss għall-anzjani filwaqt li s-Sindku qabel ukoll ma' dan u qal li jolqot kollox, kemm għall-anzjani, kemm għaż-żagħżagħ u anke tfal. Il-Kuns R Ellul qal li kienet diġà qamet kwistjoni ftit tax-xhur ilu fejn il-vann li għandu l-Kunsill tal-

Fgura ma jitranġax biex issir 'tail lift', u għaldaqstant l-unika għażla li hemm hija li jinbiegħ il-vann u jinxtara ieħor bit-'tail lift'. Il-Kuns C Bonello sostna li trid tinstab soluzzjoni. Il-Kuns R Deguara qal li jistajkun li meta ssir modifikazzjoni, l-'insurance' ma tinxurjahx aktar għax tgħidlek li huwa modifikat.

Rigward il-karozza tal-linja għall-Birgu, il-Kuns J Scicluna qalet li ntbagħtet korrispondenza biex kemm hija u anke s-Sindku jiltaqgħu mas-Sindku tal-Birgu u ma jistax jinstab ħin favorevoli għal dan l-għan. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li ntbagħtet korrispondenza wkoll lil 'Transport Malta' u wieġbu li hemm ir-rotta numru 1 li tgħaddi minn hemm u twaqqaf viċin. Hija kompliet tgħid li mhux kuntenta b'din ir-risposta għax ir-rotta numru 1 twaqqaf 'il bogħod. Il-Kuns C Bonello qal lis-Sindku li hemm bżonn isir appuntament mal-Ministru fuq din il-ħaġa, għax in-nies iriduha. Is-Sindku qal li kien hemm ukoll kummenti pożittivi ħafna minn nies. Il-Kuns J Scicluna qalet li din mhix biex in-nies imorru għall-'fast ferry' biss, għax hija wkoll konnessjoni bejn il-lokalitajiet u anke forsi għal min hu mill-Birgu u jaħdem fil-Fgura. Il-Kuns M Lombardo qal li anke għall-monti tal-Birgu. Is-Sindku qal lill-Kuns J Scicluna sabiex tibgħat lill-Ministru biex jiltaqgħu miegħu. Il-Kuns J Scicluna qalet li l-aħjar tintbagħat korrispondenza uffiċjali mill-Kunsill. Is-Sindku qal lill-Kuns J Scicluna biex tibgħat rikjesta lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex hi tkun tistà tibgħat lill-Ministru.

## 15.15 STAFF

**15.15.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7070/25/9** 'Sabiex għas-sejħa ta' Uffiċjal Eżekuttiv/a fi skala 13 fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura tiġi magħżula is-Sa Zvetlana Pace.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.15.2** Is-Sindku nforma l-kamra li f'sitt xhur, il-pjan li kien hemm biex il-Kunsill ikollu 'full staff' irnexxa, grazzi għall-membri kollha tal-Kunsill għax irsistew kollha kemm huma u anke s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill għandu Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid. Huwa kompla jgħid li s-Segretarju Eżekuttiv għamlet 'meeting' ma' l-'istaff' kollu, fejn intalab mis-Sindku biex kull min għandu xi tip ta' kundizzjonijiet ta' kif jaħdem, jitressqu fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku kompla billi qal li s-Segretarju Eżekuttiv talbet għal dan mill-istaff, u għaldaqstant kull min għandu xi kundizzjonijiet, bagħat it-talba tiegħu. Is-Sindku qal li huwa wkoll daħal f'dan il-'meeting' li sar mis-Segretarju Eżekuttiv ma' l-'istaff' meta kien tlesta għax l-'istaff' jaqà taħtha, u qalilhom li jkun faċli għall-Kunsill li jibqà bi ftit 'staff' u l-flus jintnefqu mill-Kunsilliera, pero` l-membri tal-Kunsill emmnu fihom u għalhekk ġew investiti aktar flus fil-ħaddiema.

Is-Sindku talab sabiex tiġi sospiża l-laqgħa fis-19:30, minħabba protezzjoni tad-data.

Il-Kuns R Ellul ħareġ mill-kamra fis-19:37.

Il-Kuns J Scicluna ħarġet mill-kamra fis-19:38.

Wara diskussjoni, is-Sindku talab sabiex titkompla l-laqgħa fit-19:57.

**15.15.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7071/25/9** 'Il-Kunsill japprova t-talba tas-Sa Shakira Bugeja sabiex titlaq kmieni mix-xogħol kuljum fit-3.30pm. Dan ifisser li l-ħin li ma jinħadimx (1hr 15 mins) matul il-gimgħa, irid jinħadem nhar ta' Sibt (bir-rata normali) sakemm jinħadem il-ħin kollu akkumulat li titlaq kmieni.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.15.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7072/25/9** 'Dan il-Kunsill japprova t-talba tas-Sa Zvetlana Pace sabiex taħdem il-ħin regolari tagħha f'ħinijiet partikolari stabbilit kif miftiehem mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsill għandu jkun infurmat b'dawn il-ħinijiet.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.15.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7073/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill ma japprovax it-talba imressqa mis-Sa Melanie Sarcia hekk kif hemm mehmuz.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.15.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7074/25/9** 'Dan il-Kunsill qed jiddeċiedi li jwaqqaf ir-'remote working' kollu. Fil-każ tas-Sa Ritianne Cassar, qed nagħtu permess speċjali sabiex totempra ruħha mal-proċedura sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Is-Sindku regà talab sabiex tiġi sospiża l-laqgħa fit-20:06, minħabba protezzjoni tad-data.

Wara diskussjoni, s-Sindku reġà talab sabiex titkompla l-laqgħa fit-20:21.

**15.15.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7075/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova il-'Performance Bonus Appraisals' hekk kif inhu anness bil-persentaġġi indikati f'kull rapport.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 15.16 PURCHASE REQUEST FORM

**15.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7076/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-Kunsill ta' Jannar 2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 15.17 ĦLASIJIET

**15.17.1** Is-Sindku nforma l-kamra li fl-aħħar laqgħa li saret, ġie mistoqsi għalfejn il-Kunsill qed jixtri mingħand l-istess 'ironmongery', fejn qal li mhux ser isemmi l-ħanut għax ma jrid jagħmel ħsara lil ħadd. Il-Kuns C Bonello qal li huwa m'għandu kontra ħadd pero jixtieq jistaqsi x'ġara. Is-Sindku qal li bagħat lill-ħaddiema jixtru minn ħanut partikolari ġewwa l-Fgura li huwa differenti minn dak li normalment jinxtraw l-affarijiet mingħandu, u sid il-ħanut qalilhom li mhux ser joqgħod jiftaħ kontijiet għal ċuċati. Għaldaqstant, is-Sindku qal li mhux ser jinxtraw aktar affarijiet mingħand dan il-ħanut partikolari u ser isir kif kien isir qabel, u min isaqsi għall-ħanut jistà jiġi u jsaqsi għall-ħanut. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk f'każ li jkun hemm 'bulk' ta' affarijiet, il-ħaddiema jistgħux imorru jixtruhom mingħand dan il-ħanut. Il-Kuns M Lombardo qal li għalkemm ħanut wieħed irrifjuta, jistgħu jmorru għand ħanut ieħor. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi stess tibgħathom, u talbet lis-Sindku u l-Kunsilliera sabiex jiddeċiedu u jinfurmawha bil-'way forward'.

**15.17.2** Is-Sindku nforma l-kamra li talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex min jagħmel il-ħlasijiet, ma jibqax jagħmel attivitajiet konġunti. Is-Sindku qal li fejn jidħlu ħlasijiet ikun irid trasparenza assoluta.

**15.17.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7077/25/9** 'Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet minn 11/12/2024 sa 15/01/2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 15.18 AĠĠORNAMENT

**15.18.1** Il-laqgħa ntemmet fit-20:30hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Frar, 2025 fil-17:30hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 22 ta' Jannar, 2025

'Dok A'

22/01/2025

**Dikjarazzjoni minghand il-Vici Sindku Darren Marmara' dwar laqgha: 13/2025**

B' referenza ghal-laqgha numru 13/2025, qieghed ninforma lill-Kunsill u lill-Awtoritajiet ikkoncernati li wara li fil-laqgha precedenti jiena kont tlabt biex jinstema' r-recording tal-imsemmija laqgha, jien bqajt ma nghatajtx koppja tar-*recording* wara li ghal raguni li jafu biss is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ma tpoggiex fuq il-pagna tal-Kunsill.

Irrid nistaqsi ukoll jekk huwiex korrett li t-talbiet t'apologija jigu mghoddija ghall-vot u mil-liema parti tal-ligi tohrog. Jekk jirrizulta li t-talbiet jigu kkonfermati, allura fil-laqghat kollha precedenti giet addottata prassi skorretta ghax dan il-process qatt ma sar qabel.

Iktar minn hekk, dak li ghadni nsostni jiena u li ilni nitlob sa mill-bidu nett ta' din il-legislaturi, id-dokumenti relatati ma' talbiet t'offerti u kwotazzjonijiet li imbaghad allura jigu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill bhala hlasijiet johrog mill-istess ligi tal-Kunsill, li se nikwota:

is-Sitt Skeda, Ordnijiet Permanenti punt **32 (1) (b)** li jghid:

*is-Segretarju Eżekuttiv għandu jeħmeż kopja taċ-Ċedola tal-Pagamenti (Schedule of Payments) u kopja ta' kull dokument relattiv mal-agenda meta din tintbagħat lill-Kunsillieri.* kif ukoll:

Punt **34 (1)** li jghid:

*Kunsillier jista', għal skop ta' dmir tiegħu bħala tali (iżda mhux mod ieħor) jagħmel arranġamenti mas-Segretarju Eżekuttiv biex jispezzjona xi dokument li jkollu l-Kunsill jew kumitat, u jekk ikun hemm kopji, dawn għandhom **jingħataw** lilu fuq talba, għall-istess raġuni.*

Ghaldaqstant qieghed formalment naghmel talba lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tghaddili koppja tad-dokumenti relatati ma' kull kwotazzjoni u offerta li thallas f'din il-legislatura, kif ukoll dawk li ser jghaddu llum u fil-futur. Nifhem li din tinvolvi ammont ta' hin imma qieghed naghmel din it-talba bi dritt tieghi ta' Kunsillier u ghax dejjem gejt imcahhad minn dan.

Fl-ahharnett, nitlob lis-Segretarju Ezekuttiv biex sal-laqgha li jmiss ikollna direzzjoni rigward it-talbiet t'apologija sabiex jigu amendati l-minuti (jekk ikun il-kaz) u nigi ndikat bhala skuzat.

Darren Marmara

V/Sindku

'Dok B'

Kontra Dikjarazzjoni li

Dan il-Kunsill qed jgħid li
kull min jixtieq jara quotes jista
jagħmel dan billi jiġi u jitlob
Għal dik il-quote per se

'Dok C'

22/01/2025

**Dikjarazzjoni minghand il-Vici Sindku Darren Marmara' dwar laqgha: 14/2025**

B' referenza ghal-laqgha numru 14/2025, qieghed ninforma lill-Kunsill u lill-Awtoritajiet ikkoncernati li din il-laqgha bdiet illegalment qabel il-hin previst tal-5pm proppju ghaliex jien kont prezenti fil-5pm precizi u kif dhalt fil-kamra s-Sindku tem mil-laqgha. Meta gejt mistoqsi biex nara l-hin urejt il-hin tal-mobile li kien jimmarka l-1700. Prova ohra li l-laqgha bdiet qabel huwa l-live video li hareg fuq il-pagna ufficjali tal-Kunsill.

Irrid nissoljeva punt iehor li johrog mill-minuti stess, li l-laqgha bdiet fil-5pm preciz u ntemmet fil-hamsa u minuta, xi haga umanament impossibli li f'minuta biss:

1. is-Sindku radd is-salib u rringrazzja lil dawk prezenti
2. is-Sindku ressaq mozzjoni 7044/25/9
3. is-Sur Bonello jistaqsi mistoqsija
4. Is-Sindku jwiegbu
5. Is-Sindku jressaq mozzjoni ohra 7045/25/9
6. Ikun hemm mistoqsija mis-Sur Bonello u s-Sindku jwiegeb
7. Ikun hemm mistoqsija ohra minn Mark Lombardo u s-Sindku jwiegeb
8. Il-mozzjoni tigi sekondata u tmur ghal-vot.
9. Is-Sindku jtemm il-laqgha

Ghaldaqstant f'din il-laqgha jien gejt eskluz intortament u b'sens malizzjuz gejt imnizzel assenti u li qisni m'attendejtx ghal-laqgha. Dan huwa nuqqas ta' professjonalita' u lanqas jawgura tajjeb biex wiehed jahdem f'ambjent seren.

Apparti minn hekk din il-laqgha fejn fiha gew approvati zewg hlasijiet deskritti bhala urgenti, ma kienx hemm bzonn laqgha b'urgenza ghaliha kif johrog mil-Ligi Kap 363, is-Sitt Skeda, Ordnijiet Permanenti punt 32(3) u (4) li jghid:

*Fejn ikun meħtieġ li l-ħlas isir qabel ma jiġi awtorizzat mill-Kunsill, ħlas bħal dan għandu jiġi ċertifikat mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri kemm ikun korrett u urġenti. Dan il-ħlas għandu jiġi awtorizzat minn kumitat li jkun inkarigat mix-xogħol li jkun relatat miegħu, jew mis-Segretarju Eżekuttiv bl-approvazzjoni tas-Sindku.*

*(4) Il-ħlasijiet kollha ratifikati taħt il-paragrafu (3) ta' dan l-KAP. 363. ordni permanenti għandhom jiġu inklużi separatament fl-iskeda ta' ħlasijiet li jkun imiss li titqiegħed quddiem il-Kunsill.*

Ghal darb'ohra qieghed nigbed l-attenzjoni ta' kemm huwa mportanti li min qieghed fit-Tmexxija ta' dan il-Kunsill ghandu jkun mgharraf sew bil-ligi sabiex il-hidma taghna tkun wahda efficjenti fil-qafas legali.

Gentilment qieghed nitlob biex din id-dikjarazzjoni tintbghat ukoll lid-Dipartiment ghall-kunsiderazzjonijiet tieghu. Qieghed ukoll nitlob rimedju ghax qieghed nikkontesta l-legalita' ta' din il-laqgha u allura dak kollu li gie deciz, inkluz ukoll l-attendenza tieghi.

Tislijiet

Darren Marmara'

V/Sindku

'Dok D'

Kontra Dikjarazzjon

Dan il-Kunsill beda il-laqgha tat' 8 ta' Jannar fil-hin u dak li qed nistwed jien jista kull Kunsillier li kien prezenti jikkonferma din id-dikjarazzjoni bhala prova li hin kien korrett

'Dok E'

## Fgura Local Council at Fgura Local Council

**From:** Fgura Local Council at Fgura Local Council
**Sent:** Monday, 16 December 2024 13:57
**To:** 'Kian Attard'
**Cc:** Fgura Local Council at Fgura Local Council
**Subject:** RE:

Ghaziz Sur Attard,

L-imejl tieghek giet innutata.

Nibghatulek risposta rigward l-approvazzjoni wara l-laqgha tal-Kunsill.

Tislijiet,

Ann Marie Gatt

f/Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI FGURA

t +356 21664000 e fgura.lc@gov.mt

-----Original Message-----
From: Kian Attard <attard.kian@gmail.com>
Sent: Monday, December 16, 2024 1:17 PM
To: Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
Subject:

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Hello batilkom habba il community service (20 hours) bhala hinijiet nista nghamel mit tnejn sal gima hlif il hamis Kian attard 0326608L
99692559

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**

|  |  |
|---|---|
| **From:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Sent:** | Wednesday, 18 December 2024 16:15 |
| **To:** | Brandonlee Schembri |
| **Cc:** | KillerBee1123; Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Subject:** | RE: MCAST 20 HOURS |

Noted with thanks.

Kind Regards,

Ann Marie Gatt

f/Gwenith Calleja
Executive Secretary

KUNSILL LOKALI FGURA

t +356 21664000 e fgura.lc@gov.mt

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Brandonlee Schembri <schembribrandonlee06@gmail.com>
**Sent:** Wednesday, December 18, 2024 3:30 PM
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Cc:** KillerBee1123 <bschembri97@gmail.com>
**Subject:** Re: MCAST 20 HOURS

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

79566059

On Wed, 18 Dec 2024, 09:56 Fgura Local Council at Fgura Local Council, <fgura.lc@gov.mt> wrote:

Dear Mr Schembri,

Your email was received and noted. Kindly send us your contact number please.

I will send you a reply according to the Council's decision in January.

Kind Regards,

Ann Marie Gatt